31998D0515

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-17 ta' Ġunju, 1998
dwar Regolament tekniku komuni għall-aċċess bażiku għas-servizzi diġitali integrati pan-Ewropej (ISDN) (Emenda Nru 1)

(notifikata taħt id-dokument numru K (1998) 1607)

(Test b'relevenza għaż-ŻEE)

(98/51/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 1998 li għandha x'taqsam mat-tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u tagħmir ta' stazzjon terrestri tas-satellita, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom [1],

Billi l-Kummissjoni addottat il-miżura li tidentifika t-tip ta' tagħmir terminali li għalih huwa meħtieġ regolament tekniku komuni, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-qasam ta' applikazzjoni assoċjat miegħu;

Billi għandhom ikunu adottati l-i *standards* armonizzati korrispondenti, jew partijiet minnhom, li jimplimentaw il-ħtiġiet essenzjali li għandhom jitbiddlu f'regolamenti tekniċi komuni;

Billi biex tkun żgurata l-kontinwità fl-aċċess għal swieq għal manifatturi, huwa meħtieġ li jkunu permessi arranġamenti transitorji dwar tagħmir approvat skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/346/KE [2];

Billi r-regolament tekniku komuni adottat f'din id-Deċiżjoni huwa fi qbil ma' l-opinjoni ta' l-ACTE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal tagħmir terminali maħsub biex jitqabbad ma' *network* pubbliku tat-telekomunikazzjonijiet u li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-i *standard* armonizzat imsemmi fl-Artikolu 2(1).

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regolament tekniku komuni li jkopri l-karatteristiċi tekniċi, elettriċi u ħtiġijiet mekkaniċi ta' *interface*, u protokoll ta' kontroll ta' aċċess li għandu jkun provdut mit-tagħmir terminali li jkun kapaċi u maħsub mill-manifattur jew mir-rappreżentant tiegħu għal konnessjoni ma' punt ta' referenza T, jew koinċident S u T, għall-aċċess bażiku f'*interface* ma' *network* pubbliku tat-telekomunikazzjonijiet ippreżentat bħala punt bażiku ta' aċċess pan-Ewropew (ISDN (Euro-ISDN).

Artikolu 2

1. Dan ir-regolment tekniku komuni għandu jinkludi l-i *standard* armonizzat imħejji mill-korp relevanti ta' standardizzazzjoni li jimplimenta sal-limitu applikabbli l-ħtiġiet essenzjali imsemmija

[1] ĠU L 74, tat-12.3.1998, p. 1.
[2] ĠU L 148, tas-6.6.1997, p. 19.

fl-Artikolu 5(ċ), (d) u (f) tad-Direttiva 98/13/KEE. Ir-referenza għall-i *standard* hija mniżżla fl-Anness.

2. It-tagħmir terminali kopert b'din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma mar-Regolament tekniku komuni imsemmi fil-paragrafu 1, għandu jissodisfa il-ħtiġiet essenzjali imsemmija fl-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 98/13/KEE, u għandu jissodisfa il-ħtiġiet ta' kull Direttiva oħra applikabbli, partikolarment id-Direttivi tal-Kunsill 73/23/KEE [1] u 89/336/KEE [2].

Artikolu 3

Korpi notifikati nominati biex iwettqu l-proċeduri imsemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/13/KEE għandhom, fir-rigward ta' tagħmir terminali kopert bl-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni, jużaw jew jiżguraw li jkun użat l-i*standard* armonizzat li għalih jirreferi l-Anness wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. Id-Deċiżjoni 97/346/KE għandha tkun revokata b'effett mill-20 ta' Mejju 1998.

2. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/797/KE [3] għandha tkun revokata b'effett mill-20 ta' Mejju 1998.

3. Tagħmir terminali, approvat skond id-Deċiżjonijiet 94/797/KE u 97/346/KE jista' jkompli jitqiegħed fis-suq u jitqiegħed fis-servizz.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizata lill-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, is-17 ta' Ġunju, 1998.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 77, tas-26.3.1973, p. 29.
[2] ĠU L 139, tat-23.5.1989, p. 19.
[3] .ĠU L 329, ta' l-20.12.1994, p. 14.

ANNESS

Riferenza għall-i*standard* armonizzat applikabbli

L-i*standard* armonizzat imsemmi fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni tkun:

Network Diġitali ta' Servizzi Integrati (ISDN);

Il-ħtiġiet ta' konnessjoni għat-tagħmir terminali biex issir konnessjoni ma' ISDN bl-użu ta' aċċess bażiku ISDN

ETSI

Istitut Ewropew ta' l-I*standards* ta' Telekomunikazzjoni

Segretarjat ta' ETSI

TBR 3: Novembru ta' l-1995 kif emendat b'TBR 3 A1 – Diċembru ta' l-1997

(minbarra d-daħla)

Tagħrif addizzjonali:

L-Istitut Ewropew ta' l-I*standards* tat-Telekomunikazzjonijiet huwa rikonoxxut skond id-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE ([1]).

L-i*standard* armonizzat imsemmi hawn fuq kien ġie prodott skond mandat maħruġ bi qbil mal-proċeduri relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE.

It-test sħiħ ta' l-i*standard* armonizzat imsemmi hawn fuq jista' jinkiseb mingħand

Istitut Ewropew ta' I*standards* ta' Telekomunikazzjoni
650 Route des Lucioles
F-06921 Sophia Antipolis Cedex

Kummissjoni Ewropea
DG XIII/A/2 - (BU 31 1/7)
Rue de la Loi/Wetstraat 200
B-1049 Brussels

jew minn kull organizzazzjoni oħra responsabbli li tagħmel l-i*standards* ta' ETSI disponibbli, li lista tagħhom tista' tinstab fuq l-Internet fl-indirizz www.ispo.cec.be.

([1]) ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8.